ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 27 ta' Jannar 2014 fis- 6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Ambaxxatrici | Is-Sinjorina Christine Dalli |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Rapport Amministrattiv 2013;
5. Laqgħa Annwali tal-Lokalita';
6. *Tenders*;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduti Nru 17 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-Kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

a.Dwar ingaġġ ta' persuna is-Segretarju qalet li saru l-*interviews* u ġew *short listed* żewġ persuni, is-Sur Raymond Azzopardi u s-Sur Dennis Psaila. Is-Sur Azzopardi wara li telaq mill-uffiċċju ċempel l-uffiċċju u xtaq li ma jiġiex kkunsidrat għal post ta' *Clerk* minħabba l-fatt li dan se jitħallas il-paga minima u qal li bil-paga minima ma jridx jieħu responsabilita' tal-ftuħ tal-uffiċċju w tal-flus li jiġbor

Għaldaqstant se nikkunsidraw lis-Sur Dennis Psaila jekk il-Kunsill jaqbel. Sar qbil li s-Segretarju flimkien mas-Sindku jkellmu li s-Sur Dennis Psaila.

b. Dwar it-talba ta' arblu mill-Għaqda ta' San Ġużepp, is-Sindku qal li nforma l-Għaqda ta' Santa Marija iżda għadu ma rċieva ebda risposta.

c. Dwar Għaxaq FC Nursery u t-talba biex issir devoluzzjoni tal-biċċa art imsemmijja, din qeda fil-proċess li tintalab devoluzzjoni tagħha.

d. Dwar it-talba li għamel il-Kuntrattur Wilson Mifsud ktibna id-Dipartiment biex naraw jekk il-Kunsill jistax jingħata għajnuna finanzjarja biex nirranġaw l-affarijiet ma dan il-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart. Lill-kuntrattur infurmajnieh ukoll biex ineħħi l-iskips u jħalli tnejn li ġew imsemmijin fil-laqgħa preċedenti.

e. Is-Sindku għamel laqgħa mas-Surmast ta' l-Iskola dwar Ecoskola u magħhom kien hemm rappreżentant mill-Kulleġġi u rappreżentant tal-WSC. Is-Sindku kompla jgħid li t-tfal ħarġu b'ħafna idejat.

Qal ukoll li ttieħed kampjun ta' l-ilma mil-ġibjun li hemm l-iskola, li għal dan is-Surmast talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jitnaddaf.

Is-Sindku qal li ttieħed kampjun ta' l-ilma biex jaraw dan l-ilma għalxiex jista' jintuża.I r-rappreżentant tal-WSC se jara min hu responsabbli biex il-ġibjun jitnaddaf u wara issir laqgħa konġunta biex jaraw f'hiex jikkonsisti t-tidif. Is-Sindku qal li r-rappreżentant tal-WSC kollha se jdur il-Kunsilli kollha biex jara fejn jinsabu il-ġibjuni tal-Gvern.

ĦAL GĦAXAQ

Hawnhekk is-Sindku semma' li s-Surmast jixtieq skip ħdejn l-iskola minħabba li jsir rimi ta' skart li jkollhom it-tfal.

Saret diskussjoni fejn intqal li s-Surmast jista' jagħmel bħar-residenti u joħroġ il-boroż suwed barra hdejn l-iskola filgħodu, jew inkella aktar tard minn naħa ta' wara tal-iskola.

Is-Sindku qal li l-aħjar isir ftehim ma' l-iskola biex l-iskart jinħareġ filgħodu f'xi d-disgħa u l-Kunsill javża lil tal-iscammel biex jerġa' jgħaddi minn ħdejn l-iskola. Il-Kunsill qabel.

f. Is-Sindku flimkien mas-Sinjura Schembri għamlu laqgħa ma' Ms. Marie Claire Zammit dwar il-ħsibijiet li għandha. Il-Kunsillier Schembri qalet li Ms Zammit trid toħloq *Drama Group* biex stejjer li kitbet hi tkun tista' toħloq drammi għalihom u fl-istess ħin dawn id-drammi joħorġu tgħalima minnhom. Il-Kunsill qabel li jgħin fil-materjal biex dawn isiru.

g. Dwar il-kowtazzjonijiet tal-*Online Streaming* id-Dipartiment infurmana li jrid isir *vetting* fuq l-Offerti u għaldaqstant se ngħaddu l-Offerti lid-Dipartiment, dawn ukoll jistgħu jgħidulna liema hi l-aħjar offerta.

Sar qbil li s-Sindku jagħmel kuntatt mar-Reġjun biex jaraw dawn tal-aħħar hux se joħorġu sejħa f'daqqa għal *Online Streaming* qabel mal-Kunsill jieħu azzjoni.

h. ***Abbozz tal-Estimi Għas-Sena 2014:*** Is-Segretarju ressaq l-Abbozz tal-Estimi Għas-Sena 2014 emendat kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Estimi kif emendati.

i.Dwar il-mistoqsija li għamel is-Sindku lis-Segretarju x'bi ħsiebha tagħmel il-quddiem, hi qalet li tixtieq tibqa' taħdem sena oħra, għal din it-tweġiba is-Sindku qal li tiġi diskussa din il-proposta.

**3. <u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment bagħatu Memo 2/2014 – Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt jigifieri l-Aġenda u anke l-Minuti tal-Kunsill Lokali.

Infurmaw ukoll dwar Memo 3/2014 – Kuntratti u /jew Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart fejn qed jiġi indikat li spejjeż addizjonali marbuta mal-offerti tal-iskart jaqaw taħt ir-responsabbilta' tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali wara li jsiru l-arranġamenti neċessarji mal-Ministeru responsabbli.

ĦAL GĦAXAQ

Bagħatu wkoll dwar Memo 34/2013 – Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq fejn qed jintbagħatu dokumenti addizjonali arbuta ma' din is-sejħa tal-Offerti. Din aktar tikkonċerna lir-Reġjuni.

Infurmaw ukoll dwar il-ħaddiema fuq skemi tal-ETC mal-Kunsilli Lokali, li fejn ikun hemm vakanzi fil-Kunsill dawn jistgħu japplikaw u jkunu eliġġibli dment li ilhom 4 snin jagħtu servizz mal-Kunsill Lokali.

Irċevejna dwar l-Onorarja tas-Sindki fen fil-każ tagħna din tkun terz tal-onorarju ta' MP.

Infurmaw li ser issir Konferenza tal-Aħbarijiet dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali fl-1 ta' Frar, 2014, fejn għaliha hu mistieden is-Sindku.

Bagħatu wkoll li ser isir Konsultazzjoni Pubblika fuq *INTERREG Europe and Sea* fil-21 ta' Marzu, 2014. Ser tattendi is-Segretarju.

Infurmaw ukoll b'komunikat li ġie mingħand TM dwar *Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations* sabiex nżommuhom bħala gwida għalina.

2 Mill-AKL irċevejna ċirkolari sabiex tiġi mġedda l-*Group Health Policy* li tkopri l-perjodu Jannar – Diċembru, 2014.

Bagħatu wkoll dwar Programm ta' taħriġ fuq *Personal Development* fejn dawn il-korisjiet jibdew mill-4 ta' Frar u jkomplu sat-8 t'April, 2014.

Infurmaw dwar il-Konferenza *My Europe* li din ser isir bejn id-29 u l-31 ta' Jannar, 2014. Ser tattendi is-Segretarju.

3. Mill-MEPA fejn għarrfu li ser issir sessjoni ta' nformazzjoni dwar *Development Planning (Use Classes) Order 2014*, fid-29 ta' Jannar, 2014.

Infurmaw ukoll bil-bilanċ tal-UIF li hu ta' € 33,426.22 u l-proċeduri sabiex jiġi effetwat dan il-ħlas marbut ma' din it-tip ta' skema.

4. Mit-TM infurmaw li ir-rampa li hemm fi Ġnien il-Kunsill issuġġerixxu li din tiġi mċaqalqa fil-biċċa d-dritta u ma tibqax fil-kisra kif inhi qeda fil-preżent ħalli b'hekk huma minn naħa taghhom ikunu jistgħu jinstallaw lqugħ protettiv kif tlabna aħna. Il-Kunsill qabel li din ir-rampa issir ftit il-fuq minn fejn hi.



5. Mir-Reġjun Nosfinhar fejn bagħatu jinfurmaw għal laqgħa li saret fit-23 ta' Jannar, 2014 u li għaliha attenda il-Viċi Sindku. Is-Sur Vassallo qal li waqt il-laqgħa saret diskussjoni dwar *tender* ta' l-*iStreet Lighting* li se joħroġ ir-Reġjun għall-Kunsilli.

6. Mingħand għalliema tal-Iskola ta' Ħal Għaxaq, fejn talbu l-għajnuna sabiex jiġi rranġat il-ġibjun li hemm l-iskola peress li jinsab imkisser, fejn is-Sindku kellhu laqgħa mas-Surmast u anke rappreżentant tal-WSC.

7. Mill-MEUSAC fejn infurmaw dwar Fondi tal-UE dwar opportunitajiet marbuta mal-qasam tal-Enerġija. Is-Sindku qal li jixtieq li maż-żmien ibiddel id-dwal li hemm fil-pjazza u mal-madwar ma fanali w xtaq li meta titħassar bozza minn xi post barra mil-pjazza, din tigi *replaced* b'bozza li hemm fil-pjazza u minflok jitwaħħal fanal. B'hekk bil mod jinbidlu il-bozoz għal fanali. Qal ukoll li l-bozoz maż-żmien ma jibqgħux isiru SON iżda jsiru LED biex tiġi ffrankata l-enerġija. Il-Viċi Sindku qallu ma tistax tagħmel kollox f'daqqa.

   Irċevejna dwar *Public Dialogue* dwar il-programm u prijoritajiet tal-*Hellenic Presidency* li saret fis-17 ta' Jannar, 2014.

   Bagħatu dwar *EU Programme* għal Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażagħ u Sport.

8a plenarja

. Mingħand *Door Numbering Unit*, fen għarrfu sabiex ninfurmawhom liema toroq għandhom bzonn jiġu nnumerati.

9. Mill-Kunsill Lokali ta' M'Scala, fejn għarrfu dwar il-Kawża tal-Impjant tar-Riċiklaġġ ġewwa M'Scala fejn bħala Kunsill niffurmaw parti mill-Kumitat. Infurmaw li ser jerġa' jsir appell u trid titħallas is-somma ta' € 252.06 bħala parti mill-ispiża u għarrfu wkoll li l-ispejjeż tal-MEPA jiġu € 387.06 apparti l-ammont indikat qabel. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu.

10. Talba għal bozza ġdida fi sqaq fiż-żona tal-Millieri u fi Sqaq San Mikiel fi Triq Fidloqqom. Il-Viċi Sindku qal li wara l-*ground* tal-futbol hemm arblu li jista' jitwaħħal fi Triq il-Fidloqqom għax din diġa' kienet approvata u bozza għandna wkoll. Il-bozza l-oħra trid issir applikazzjoni għaliha. Il-Kunsill qabel.

11. Mingħand Pascal Bayet fejn ingħatajna aktar tagħrif dwar il-French Boys' Choir, fejn dan jikkonsisti fi 38 membru jinkldi 6 adulti u 32 kantant li l-eta' tagħhom qeda bejn id-9 u t- 18 il-sena.

12. Mingħand *Island Insurance Brokers* dwar il-polza tal-assigurazzjoni li għandna magħhom sabiex tiġġedded. Il-Kunsill qabel li tiġġedded.

ĦAL GĦAXAQ

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Infurmajna lill-ETC dwar l-Iskema ta' CIES fejn tlabna sabiex jissupplixxuna b'lista oħra ta' parteċipanti li jaqdu l-ħtiġijiet ta' *cashier / office helper* u saru l-intervisti .

b) Ittra t'awtorizzazzjoni mogħtija mis-Sindku lis-Sur John Galea sabiex ikun responsabbli mit-tindif u l-ordni taż-żona ta' Ħas Saptan. Is-Sindku qal li s-Sur Galea se jiġi waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex jintroduċi ruħhu w jgħid x'jixtieq jieħu ħsieb.

Is-Sur Vassallo qal li Ħas Saptan ma jistax isir *Camping* għax ma hemmx permess tal-MEPA. Tant u hekk li l-Kunsill kien għamel tabelli biex ma jsirx *Camping*. Qal ukol li hemmhekk għaddej *pipe* tal-EneMalta u hu post perikoluż li toqgħod fih.

c) Ittra lid-Dipartiment dwar l-Iskema tal-PPP fuq *Road Resurfacing*, fejn indikajna it-toroq lesti flimkien mal-irċevuti u ċertifikati tal-perit marbuta magħhom sabiex ikunu jistgħu jħallsu parti mill-ispiża.

4. **<u>Rapport Amministrattiv 2013</u>**;

Is-Segretarju ħejja Rapport Amministrattiv li jkopri l-ħidma mwettqa mill-Kunsill matul is-sena 2013.

Wara diskussjoni, l-membri qablu ma' emendi li kellhom jiġu ntegrati mal-abbozz li se jkun mressaq għas-Seduta Annwali.

Ir-Rapport tressaq mis-Sindku u ssekondat mis-Sinjura Agius.

5. **<u>Laqgħa Annuali tal-Lokalita’</u>**

Wara diskussjoni qasira dwar l-aħjar ġurnata meta ssir il-Laqgħa Annwali, sar qbil li ssir nhar it-Tlieta, 17 ta’ Frar, fil- 5.00pm u tkun segwita b’Laqgħa tal-Kunsill.

Fil-laqgħa jittieħdu l-ilmenti tal-pubbliku u reġistrati fil-Minuti biex il-Kunsill jara x’jista’ jattwa minnhom. Il-Kunsill ikun jeħtieġ li japprova l-Estimi għas-Sena d-dieħla wara li tintemm il-Laqgħa tal-Lokalita’.

ĦAL GĦAXAQ

*6.* ***<u>Tenders</u>***

Is-Sindku qal li fil-laqgħa preċedenti kienu ġew *shortlisted* il-Kuntratturi li tefgħu l-Offerti għal tiġdid ta’ tlett kuntratti.

Fil-laqgħa preċedenti ġew reġistrati d-dettalji, u ġew iċċekjati li kien hemm r-rikjesti mitluba.

Dwar it-*tenders* il-Kunsill iddeċieda li jagħmel deċiżjoni hu wara li saret diskussjoni, u sar qbil kif ġej.

a) ***<u>Collection of Bulky Refuse ( GhLC 01/13)</u>*** *:-*

Fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill ippropona li isir laqgħa mas-Sur Gaetan Galea li l-Offerta tiegħu kienet dik ta’ €1.60 għal kull *household* biex jaraw jekk dan hux se jiġbor aktar minn *item* wieħed bl-istess prezz indikat.

Is-Sur Gaetano Galea qal li hu kkwota dak il-prezz għal kull *household* irrelevanti kemm ikun hemm oġġetti x’jinġabru.

Is-Sindku sekondat mill-Kunsillier Schembri ippropona li jilqa’ l-offerta tas-Sur Gaetan Galea.

Il-Kunsill qabel unanimament.

b) ***<u>Street Sweeping & Cleaning ( GhLC 02/13</u>****):-*

Fid-dawl li l-kuntrattur Joseph Farrugia huwa l-oħros offerta, wara diskussjoni li saret fejn intqal li fl-Offerta ta’ €19,600 mhux se tkopri il-pagi tal-ħaddiema flimkien mal-*bonus*, taxi u bolol, għaldaqstant il-Kunsill dar fuq it-tieni orħos offerta dik ta’ €24,900 ta’ *W.M.*

*Environmental*. Il-Viċi Sindku sekondat mill-Kunsillier Fenech, ipproponew li l-offerta ta' *W.M. Environmental* tkun milqugħa.

Il-Kunsill qabel unanimament

c) ***<u>Cleaning and Upkeep of Public Convenience( GhLC 03/13):-</u>***

Il-Kunsill huwa tal-fehema li bir-rati sottomessi John Caruana huwa l-aktar kuntrattur b'offerta vantaġġjuża għal Kunsill. L-Offerta ta' €4,800 hija offerta li meta tqabbel il-ħin li se jagħmel biex jiftaħ u jagħlaq il-latrini u jżomm il-*mini-pitch* nadifa tkopri tajjeb lil dan il-kuntrattur. Għaldaqstant is-Sindku sekondat mill-Viċi Sindku ppropnew li l-offerta ta' John Caruana tkun milqugħa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

ĦAL GĦAXAQ

**7. <u>Suġġerimenti</u>**;

1. Il-Kunsillier Fenech qal li fejn qabel il-Kunsill kien se jieħu fondi biex jorganizza l-Karnival fir-Raħal, issa minħabba li l-fondi tal-GAL ġew miżmumin għaliex il-GAL irċieva żewġ *tenders* u għażel waħda minnhom, il-kuntrattur l-ieħor appella. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikollu jħallas l-ispejjeż kollha hu.

Is-Sur Fenech kompla jgħid li se jiġi organizzat il-karnival fil-pjazza nhar is-Sibt u l-Ħadd filgħaxija. Nhar il-Ħadd isir żfin u jkun hemm banda u t-Tnejn u t-Tlieta tal-Karnival isiru tlett kompetizzjonijiet, dik tal-aħjar kostum, l-isbaħ maskla u l-aħjar karru. Min jirbaħ jiġi ppreżentat bi *Trophy* kull wieħed u ż-żeffiena b'*mementos*.

Il-Viċi Sindku qal li r-Reġjun lest li jħallas il-*wardens* b'xejn, kull ma l-Kunsill irid jippreżenta hi l-irċevuta tal-ammont li tħallas lill-pulizija w ir-Reġjun iħallas l-istess ammont din is-sena meta il-Kunsill iġib il-*wardens*.

Wara li saret diskussjoni fuq dak li jista' jsir fosthom permessi għal gabbani s-Sur Fenech qal li ħatar sotto-kumitat li jikkonsisti fis-Sur Victor Gilson, s-Sur Clive Bartolo u s-Sur Conrad Attard. Qal ukoll li se jkun hemm żewġ preżentatriċi s-Sinjorina Christine Dalli u s-Sinjorina Julie Pomorski.

Is-Sur Fenech qal li l-Kunsill iħallas tal-baned u l-*floodlights* kif ukoll għal bibita żgħira għal dawk li jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel f'dak kollu li ntqal.

2. Is-Sindku qal li se jaħtar sotto-kumitat għal Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li se jġib tlett kwotazzjonijiet ta' gradi tal-injam għal Ġnien il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li rċieva kwotazzjoni ta' €193 għal *bins* biex jitwaħħlu l-pjazza, qal ukoll li se jġib żewġ kowtazzjonijiet oħra qabel ma tittieħed deċiżjoni. Qal ukoll li dawn jintramaw b'ċertu mod li meta issir x'attivita' fil-pjazza dawn jitneħħew. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

6. Is-Sindku qal li ġab tlett kwotazzjonojiet għax hemm il-ħtieġa li jinxtara *driller*. Dawn kienu mingħand:

| | |
|---|---|
| St. Joseph Ironmonger | 68.95 Euro |
| WJA Distributors | 210 Euro |
| Anastasi & Briffa Ltd | 550 Euro |

Il-Kunsill qabel li dan id-*driller* jinxtara mingħand St. Joseph Ironmonger.

**8.** Saret diskussjoni dwar it-trasport pubbliku li qed jgħaddi minn Ħal Għaxaq.

Is-Sinjura Agius qalet li ċertu ħin filgħodu l-karozza li tgħaddi tkun diġa' ġiet mimlija mill-Gudja, filwaqt li s-Sindku qal li Ħal Għaxaq mhux imsemmi fir-rotot il-ġodda.

Is-Sinjura Agius qalet li jeħtieġ li tinġibed l-attenzjoni għax filgħodu bejn is-6.00 u t-8.00 il-karozza tgħaddi kull kwarta u din tkun diġa' mimlija.

Il-Kunsill qabel.

**9.** Is-Sindku qal li rċieva ittra mingħand is-Sinjura Doris Fenech fejn uriet ix-xewqa li r-*reserved parking* li hemm quddiem id-dar tagħha titneħħa w issir oħra fuq San Filippu.

Il-Kunsill qal li din ma tistax issir għax *Transport Malta* tagħti permess li ssir waħda wara l-bieb tal-persuna b'diżabilita' w mhux il-bogħod minn fejn toqgħod.

Is-Sinjura Fenech talbet ukoll lil-Kunsill biex jibgħat ittra lir-residenti minħabba li xi ħadd barax il-karozza tas-Sinjura Fenech. Is-Segretarju qalet li waqt li l-Kunsill jikundanna dan l-aġir, il-Kunsill ma istax jidħol f'dan id-diżgwid u s-Sinjura Fenech għandha tagħmel rapport l-għassa tal-pulizija.

Is-Segretarju qalet ukoll li r-*reserved parking* ikun marbut għal ċertu żmien mal-persuna li tkun talbet li jsirilha *reserved* quddiem il-bieb u għaldaqstant is-Sinjura Fenech trid tagħmel talba hi lill-ADT biex isir dan it-tibdiel. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**10.** Is-Sindku qal li ġie mgħarraf mill-kuntrattur tad-dawl li d-dawl ta' fuq Santu Rokku qed jintefa' meta tagħmel ix-xita għax jidħol l-ilma fil-fanali. Qal ukoll li hemm il-ħtieġa li jitranġaw il-fanali għax hemm il-*main switch* maqlugħ, kompla biex qal li l-fanali li hemm il-bandli jitneħħew u jitpoġġew fuq Santu Rokku. Il-Kunsill qabel.

**11.** Is-Sindku qal ukoll li hemm il-ħtieġa li tittranġa dik il-kamra tal-kolonni li qabel kienet *Bus Shelter*. Il-Kunsill qabel li jiġi avviċinat id-Dipartiment tal-Gvern tal-*Public Works* biex jirranġa dan il-post.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar 2014, fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn, 17 ta' Frar, 2014, fil-5.00pm</u>